MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Numru. 1556/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J Abdilla)**

**vs**

**Pierre George Camilleri**

**Illum 31 ta' Jannar 2011**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Pierre George Camilleri, ta' 46 sena, bin il-mejjet Ronald u Violet nee' Azzopardi, imwieled Attard, fit-3 ta' Settembru 1961 u residenti gewwa Flat Numru 5, Varsity Court, Triq tal-Hriereb, Msida u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 3962(M).

Akkuzat talli f' Dicembru 2007 u fix-xhud ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew

ghal persuna ohra s-somma ta' Lm900.00 ghad-dannu ta' Castello Marra, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Rat l-artikoli 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qoprti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, kif ukoll l-koperazzjoni teighu mal-pulizija, l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali ta'l-imputat li ghalkemm mhiex netta lanqas m'hi allarmanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu

446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------